MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1796/2003

**Falcon Tours Limited**

**Vs**

**Brian Azzopardi u Jason Paul Jones**
**f'isimhom proprju u ezercjenti l-kummerc**
**taht l-isem "KICK Promotions"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' seba' mija u sebgha w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm747.50c) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' reklamar u *marketing* u specifikatament l-uzu ta' *mailing lists* li saru.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li permezz taghha huma qalu li m'humiex il-legittimi kontradditturi stante li qatt ma kellhom relazzjoni kummercjali mas-socjeta' attrici u li ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju u minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar il-

mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-servizz ta' *mailing list* li kellu jinghata lill-konvenuti ma nghatax kif kien pattwit.

Sema' x-xhieda ta' Claude Muscat Doublesin, Dr George Depasquale u ta' Brian Azzopardi.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Michael Zammit Maempel ghas-socjeta' attrici u Dr Jan-Karl Farrugia ghall-konvenuti.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici kienet ipprovdiet servizz ta' *mailing lists* ta' ghaxart elef (10,000) klijent skond kif jidher minn invoice a fol 2 tal-process u ghal dan is-servizz il-ftehim pattwit bejn il-partijiet kien ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) plus VAT li jgib total ta' seba' mija u sebgha w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm747.50c) u d-dokument gie ffirmat minn Jason Jones ghan-nom ta' Kick Promotions.

Illi effettivament jirrizulta wkoll illi s-servizz mitlub mill-konvenuti tant inghata illi permezz tad-dokumenti a fol 29 et esq tal-process jidher illi s-socjeta' attrici taht il-vesti tal-NSTS kienet harget magazzin fir-Rebbiegha, Sajf u Harifa 2001 u tramite l-Maltapost kienet baghtet erbat elef tmien mija u wiehed u sebghin (4,871) kopja skond l-invoice tas-27 ta' Gunju, 2001 minghajr *insert* tal-Kick Promotions, pero' fil-31 ta' Lulju, 2001 baghtet disat elef mitejn u hamsa u sittin (9,265) kopja b'*insert* tal-Kick Promotions ossija tal-konvenuti.

Il-ftehim bejn il-partijiet kien ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) plus VAT ghal ghaxart elef (10,000) klijent u ghalhekk jidher illi fil-fatt, mill-provi prodotti l-NSTS ma baghtitx il-*mailing list* ghal ghaxart elef (10,000) klijent izda baghtitha ghal disat elef mitejn u hamsa u sittin (9,265). Din id-differenza m'hijiex *de minimis* u ghalhekk ghandha jkollha rifless fuq l-ammont mitlub u dan tenut

kont ukoll tal-fatt illi l-hlasijiet li jsiru mis-socjeta' attrici lill-Maltapost ikunu relatati man-numru ta' addressees.

Konsegwentement it-talba attrici sejra tigi akkolta izda pro-rata ghall-ammont rizultanti bhala proporzjon bejn disat elef mitejn u hamsa u sittin minn ghaxart elef ($^{9265}/_{10000}$) u cjoe' ghall-ammont ta' sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm692.56c).

Brian Azzopardi jsostni illi ghandu jkun hemm riduzzjoni fl-ammont mitlub billi l-*mailing list* intbaghat tard u li inoltre kien hemm sharing tas-slot. Dwar id-dewmien jigi rilevat li l-*mail slot* innifisha ma gietx esebita. Inoltre, kienu l-istess konvenuti li kkonsenjaw il-materjal ghand il-Maltapost u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm xi dewmien da parti tas-socjeta' attrici. Dwar l-ilment l-iehor dan ma giex debitament ippruvat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm692.56c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu kwantu ghal wiehed minn ghaxra ($^{1}/_{10}$) ghas-socjeta' attrici u disgha minn ghaxra ($^{9}/_{10}$) ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------